**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 1004/2013 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Robert Vella)**
**vs**
**Simon Agius**

**Illum 5 ta' Marzu, 2020**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Simon Agius, ID 339567M

Akkuzat talli fid-19 ta' Lulju, 2011, ghall-habta tal-16:16 hrs gewwa Triq il-Ferrovija, St. Venera:

1. Saq vettura nru GBN 219 b'manjiera (a) traskurata, (b) perikoluza.

2. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma vettura nru IBI 742.

3. U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, involontarjament ikkaguna offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Francesca Abela skond kif iccertifika Dr. M. Spiteri M.D. Reg. 2666 mill-M.D.H. u kkaguna wkoll offizi ta'

natura hafifa fuq il-persuna ta' Gino Ellul skond kif iccertifikat Dr. Chantal Fernando M.D. Reg. 5287 mill-M.D.H.

Il-Prosekuzzjoni titlob lill-Qorti li jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li l-Qorti jidhrilha xieraq.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 21 ta' Jannar, 2015.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', full road traffic accident report datat 19 ta' Lulju, 2011, certifikat mediku mahrug lil Simon Agius, certifikat mediku mahrug lil Gino Ellul, certifikat mediku mahrug lil Francina Abela, affidavit ta' PS 1176 Kurt Zahra, rapport mediku mahrug minn Dr. Alec Sultana lil Francesca Abela, il-kunsens moghti mill-Avukat Generali biex din il-Qorti titratta l-kawza bi procedura sommarja, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid, 2 ritratti mmarkati bhala Dok AF3 u Dok AF4, ritratt immarkat bhala Dok AF5, ritratt immarkat bhala Dok AF6, motor survey report immarkat bhala Dok PA1.

Semghet ix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe' lil Dr. Francesca Abela, Stephen Cachia,

**PS 1176 Kurt Zahra**, jghid li fid-19 ta' Lulju, 2011 ghal habta tal-4:00 p.m. gie nfurmat li kien hemm incident tat-traffiku gewwa Triq il-Ferrovija, Santa Venera fejn kien hemm xi persuni li garbu xi griehi u ghalhekk mar fuq il-post fejn osserva li kienet sehhet kolluzjoni bejn vettura SJJ 762 tal-ghamla Hyundai Getz misjuqa minn Simon Agius u vettura IBI 742 tal-ghamla Smart Pulse misjuqa minn Francesca Abela. Konsegwenza ta' dan l-incident, saret hsara fuq vettura ohra li kienet ipparkjata, tal-ghamla Hyundai Atos NOV 127. Is-sewwieqa tal-vettura IBI 742 ma kienux fuq il-post stante li ttiehdu l-isptar Mater Dei. Jispjega li ghamel skizz tal-incident u ha l-verjoni tal-persuni nvoluti. Francesca Abela giet iccertifikata li sofriet griehi ta' natura gravi.

**Stephen Cachia**, spjega li mir-ricerki li ghamel, il-vettura NOV 127 hija tal-ghamla Hyundai Atos ta' kulur ahmar regitrata fuq Maria known as Marica Galea ID 721252M u ilha hekk irregistrata mill-11 ta' Novembru, 2007. Vettura numru ta' registrazzjoni

IBI742 hija tal-ghamla Smart ta' kulur griz registrata fuq Francina Abela, ID 79051M u ilha hekk irregistrata mit-28 t'Ottubru, 2004. Vettura numru ta' registrazzjoni SJJ 762 tal-ghamla Toyota Vitz ta' kulur griz registrata fuq Simon Agius ID 339567M u ilha hekk irregistrata mis-7 ta' Settembru, 2011.

**PS 1176 Kurt Zahra**, xehed fil-21 ta' Jannar, 2015 u qal li hu ghamel l-okkorrenza nhar id-19 ta' Lulju, 2011. Jghid li kien mar fuq il-post, ha r-rapport u anke ghamel skizz. Jikkonferma li l-kolluzzjoni saret fi Triq il-Ferrovija, Birkirkara fejn kien hemm zewg vetturi gejjin minn partijiet opposti u vettura ohra li kienet se tikser biex tidhol gewwa gate. Din il-vettura kienet Smart Pulse bin-numru ta' registrazzjoni IBI 742 u kienet misjuqa minn Francesca Abela. Francesca Abela kienet gejja minn Psaila Street u riedet teqleb fuq il-karreggjata l-ohra.

**Mr. Alex Sultana**, jghid li kien ra lil Francesca Abela nhar id-19 ta' Lulju, 2011 peress li kienet involuta fi frontal collision ma karozza ohra u minn x-rays li sarulha, rrizulta li kellha ksur fl-ghaksa, u fi 3 mis-swaba' ta' saqajha l-leminija. Operazzjoni ma setghetx issir mill-ewwel minhabba li kellha nefha kbira f'saqajha, pero' fit-30 ta' Lulju saret operazzjoni fejn il-ksur kien maghqud f'serje ta' plates u wires. Marret lura d-dar fl-4 t'Awwissu u giet avzata sabiex ghal sitt gimghat ma titfax piz fuq saqajha. Fil-15 ta' Marzu kellha terga' tidhol l-isptar minhabba li kienet mugugha u nghatat injection fl-ghaksa tal-lemin u wiehed mill-iscrews kellu jinqala'.

**Francesca Abela**, tghid li fid-19 ta' Lulju, 2011 kienet qeghda ssuq l-karozza taghha IBI 742 gewwa Psaila Street u kellha bzonn tikser gewwa triq partikolari fuq in-naha tal-lemin, xeghlet l-indicator u hekk kif kienet se ddur, hasset daqqa kbira fuq ir-rota ta' quddiem li dawret lilha bil-karozza b'kollox. Konsegwenza tal-impatt, infethu l-airbags. Tghid li damet tlett gimghat l-isptar u meta harget mill-isptar, kienet go wheelchair u damet zmien twil gol-wheelchair. Umbghad qalbet ghal krozzi li wkoll damet zmien twil bihom. Tiftakar li kellha intervent fuq saqajha fejn kellha anke hadid u plates f'saqajha.

**Marika Galea**, tghid li fid-19 ta' Lulju, 2011 hija kellha l-karozza taghha Hyundai Atos Prime, numru ta' registrazzjoni NOV 127 ipparkjata u l-incident in kwistjoni hi ma ratux. Tghid li l-karozza taghha kienet ipparkjata mal-bankina. Semghet hoss kbir u x'hin

harget rat li kien sehh l-incident fejn il-karozza taghha sofriet danni u cioe' fanal ta' wara tan-naha tal-lemin maqlugh u kellha xi hsarat mal-genb.

**Dr. Michael Spiteri**, jikkonferma li fid-19 ta' Lulju, 2011 huwa ra lil Francesca Abela gewwa d-Dipartiment tal-Emergenza fejn irrizulta li kienet qed issofri minn ksur fl-ghaksa tal-lemin u ghalhekk iccertifika l-pazjenta li kienet qed issofri minn griehi gravi.

**Carmen Borg**, tghid li fid-19 ta' Lulju, 2011 hija kienet ipparkjata gewwa Psaila Street, Birkirkara tistenna lil Dr. Fransina biex tigi taghti lezzjoni tal-pjanu lit-tifla taghha. Hija rat lil Dr. Fransina gejja bil-mod bil-vettura taghha, bl-indicator mixghul, u sakemm infurmat lil bintha li kienet waslet l-ghalliema taghha, Carmen Borg semghet hoss ta' daqqa u twerziq ta' Dr. Fransina. Il-vettura ta' Carmen Borg hija Peugeot 206 hamra bin-numru ta' registrazzjoni JAT 445. Tikkonferma li t-triq dak il-hin, kien pjuttost bla traffiku.

**Stephen Magri**, jghid li l-incident sehh vicin il-Park Towers Supermarket gewwa Psaila Street, Birkirkara. Jghid li kien ipparkjat fuq in-naha tax-xellug, direzzjoni lejn Birkirkara. Jghid li ra l-vettura ta' Dr. Abela gejja, waqfet ftit il'boghod minnu u giet karozza minn naha l-ohra tat-triq u sehh l-impatt. Jispjega li l-vettura l-ohra hu ma rahiex stante li l-incident sehh malajr hafna.

**Gino Ellul**, kien passiggier ma Simon Agius dak inhar tal-incident gewwa Hyundai Getz. Jispjega li kienu sejrin lejn Birkirkara u dahlet karozza Smart go fihom minn naha l-ohra tat-triq. Hu kien bil-qieghda wara x-xufier u kienu gejjin minn naha ta' Santa Venera direzzjoni lejn Birkirkara. Minhabba l-impatt, il-Hyundai laqtet vettura ohra, NOV 127. Id-daqqa li sofriet il-vettura li kien fiha kien fuq in-naha ta' quddiem bejn ir-rota u l-fanal tan-naha tax-xufier. Ma jiftakarx jekk rax il-vettura ta' Dr. Fransina bl-indicator mixghul.

**Philip Attard**, surveyor ma ASB surveyors jghid li kien ra vettura Smart numru ta' registrazzjoni IBI 742 irregistrata fuq Francesca Abela. Hu osserva li l-airbags kienu miftuhin, il-karozza kellha hsarat mekkanici u l-hsarat kienu beyond economical repairs.

**Simon Agius**, jghid li kien qed isuq Hyundai Getz hamra numru ta' registrazzjoni SJJ 762 u fil-karozza kienu hu, u t-tifla u l-gharus taghha fuq wara. Jghid li l-incident sehh gewwa Psaila Street. Hu kien gej minn naha ta' Santa Venera ghan-naha ta' Birkirkara. Jispjega li bhala traffiku, kien hemm, izda kien miexi u hu kien ghaddej bit-tletin kilometru. Fil-pront ra karozza gejja ghal fuqu, li lilu dahlitu go vettura ohra u fil-parapett ta' Benny tal-muturi. Jiftakar li hu ntlaqat fuq quddiem. Jghid li l-vettura ta' Fransina Abela kienet gejja b'sahha ghax lanqas biss induna biha u giet fuqu f'daqqa.

**Ikkunsidrat:**

**L-ewwel akkuza**

Jirrizulta li dan il-kaz ta l-bidu tieghu meta Francesca Abela kienet ghaddejja fuq il-karreggjata taghha bl-indicator mixghul sabiex turi l-hsieb li se ddur ghal gewwa dahla jew parkegg fuq il-karreggjata l-ohra ta' Triq il-Ferrovija, Santa Venera, meta l-vettura l-ohra misjuqa mill-imputat Simon Agius kien gej fuq il-karreggjata tieghu li taghti minn Santa Venera ghal B'Kara u sehh l-impatt mal-vettura ta' Francesca Abela bil-konsegwenza li bl-impatt il-vettura ta' Francesca Abela mxiet lura u l-vettura ta' Simon Agius spiccat fil-parapett tal-propjetajiet tan-naha tal-karreggjata taghha bil-konsegwenza li laqtet ukoll vettura parkeggjata fl-istess naha tat-triq. Konsegwenza tal-habta ta' Simon Agius bil-vettura tieghu GBN 219 mal-vettura ta' Francesca Abela IBI 742, iz-zewg vetturi sofrew danni apparti li Francesca Abela sofriet griehi ta' natura gravi u permanenti.

Il-Prosekuzzjoni esebiet l-iskizz (a fol 12) ta' fejn kienu l-vetturi IBI 742 u SJJ 762 wara li sehh l-impatt u ittra mmarkata B fejn sehh l-impatt waqt il-hin tal-incident. Jidher li mix-xhieda kemm prodotti kollha li l-vettura misuqja minn Simon Agius kienet gejja mid-direzzjoni ta' Santa Venera thares lejn B'Kara fuq il-karreggjata taghha u l-vettura misjuqa minn Francesca Abela gejja mid-direzzjoni ta' B'Kara lejn Santa Venera fil-karreggjata taghha bl-indicator mixghul u lesta biex iddur, kif wara kollox tista' taghmel skond kif indikat fl-iskizz, il-linja ta' bejn iz-zewg karreggjati ma hix wahda kontinwa. Jidher li ghal xi raguni, Simon Agius ma rax il-vettura ta' Francesca Abela lesta biex iddur bil-konsegwenza li dahal b'impatt qawwi fuq il-vettura taghha.

Illi ta' min jinnota u anki mill-iskizz esebit li din it-triq hija wahda dritta fejn sehh il-kaz. Illi ma kienx hemm kisra fit-triq u minhabba f'hekk is-sewwieq Simon Agius seta jinduna bil-vettura wieqfa ferm qabel u ghalhekk seta' jevita dan l-incident. Anzi jidher b'mod car li s-sewwieq kellu vizjoni tajba x'kien hemm quddiemu izda bil-mod kif kien qieghed isuq ikkaguna dan l-accident. Illi l-Qorti bilfors se jkollha temmen lix-xhieda tal-prosekuzzjoni u lil Francesca Abela li fir-realta' hija kienet fil-karreggjata taghha, lesta biex iddur, gejja bil-mod waqt l-impatt u mhux kif qed jghid Simon Agius fix-xhieda tieghu li hija giet habta u sabta daret ghal fuqu. U dan in vista tal-fatt li mir-ritratti ezebiti tal-vettura IBI 742 jidher li r-roti ta' quddiem li kif jidher a fol AF3 ma kienux imdawrin lesti biex iduru, kif ukoll jirrizulta minn dak li qal anke Gino Ellul fix-xhieda tieghu a fol 141 u 142 tal-process li Francesca Abela "kienet waslet biex tikser", ma kienetx ghadha kisret, kuntrarjament ta' dak li qal Simon Agius, u Gino Ellul jirrizulta li huwa l-uniku xhud li kellu l-vizwali kollha ta' kif sehh l-incident, dan ghall-Qorti jfisser li Simon Agius m'ezercitax il-*proper look out* kif misthoqq minnu waqt is-sewqan. Oltre dan, il-vettura ta' Francesca Abela qatt ma jidher li marret fuq in-naha l-ohra tat-triq anzi baqghet fuq il-karreggjata taghha, u l-vettura ta' Simon Agius kienet gejja b'velocita' tali li taret ghal fuq in-naha tax-xellug taghha fuq il-bankina u parapetti tal-propjetajiet ta' dik in-naha.

Ghalhekk jirrizulta li Simon Agius ma uzax dak il-*proper lookout* halli jevita dan l-incident. Il-vettura ta' Fransceca Abela kienet lesta gejja bil-mod mill-karreggjata taghha bil-indicator mixghul lesta li ddur ghal fuq propjeta' jew parkegg ghal fuq in-naha l-ohra tat-triq, u Simon Agius sab ruhu rinfaccjat bil-vettura taghha fin-nofs vicin il-line li jissepara z-zewg karreggjati u minhabba nuqqas ta' control tal-vettura tieghu ma kellux hin bizzejjed biex inaqqas il-velocita' jew jieqaf qabel ma sehh l-impatt meta ra l-vettura ta' Francesca Abela "kienet waslet biex tikser"[1]. Anke li kieku l-vettura li kienet qed tigi misjuqa minn Francesca Abela bi ftit invadiet il-karregjata minn fejn kienet ghaddeja l-vettura ta' Simon Agius, hu stess fix-xhieda tieghu jghid li t-traffiku ma kienx wiehed qawwi apparti li l-vizwali tat-triq kienet wahda tajba, hu kien ghaddej b'velocita' tali li ma kellux cans jew ma uzax il-*proper lookout* minnu kif misthoqq. Jekk it-traffiku tat-triq dak in-nhar ma kienx wiehed qawwi, fi triq fejn il-vizwali hija tajba, fis-Sajf waqt

[1] Ara xhieda ta' Gino Ellu a fol 141 u 142 tal-process

gurnata xemxija, is-sewwieq ma jarax vettura li kienet lesta biex taqsam ghan-naha l-ohra, allura huwa indikattiv car li s-sewwieq ma kienx qed jadopera l-prekawzjonijiet kollha mehtiega waqt is-sewqan.

Huwa principju ben assodat fir-regoli tas-sewqan li sewwieq irid izomm '*a proper lookout*' ghal dak li jkun qed jigri madwaru fit-triq li jkun qed isuq fiha. Huwa m'ghandux biss ikun attent ghal vetturi ohra li qed jipprocedu fit-triq izda anki ghal kwalsiasi haga ohra li tkun fit-triq specjalment nies fuq il-bankina jew xi ostakoli ohrajn. Ghalhekk Simon Agius naqas milli jzomm *"a proper lookout"* f'dan il-kaz, u sehh l-incident bi sfortuna li wegghet persuna minhabba nuqqas ta' hsieb u attenzjoni minn naha tieghu.

Illi dan il-punt gie ttrattat diversi drabi mil-Qrati taghna. Hekk, per ezempju, fis-sentenza tal-Qorti tal-Appelli Kriminali, fil-kawza fl-ismijiet "Pulizija v. Guzeppi Bilocca", deciza fit-12 ta' Frar, 2009, dik il-Qorti qalet hekk:

> "Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li "Hu dover ta' "*driver to see what is in plain view".* (App. Krim. "**Pulizija vs. Joseph Vella**" - [10.8.1963]) u li "*min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"**, [17.6.1961].

Illi fi **"Newhaus N.D. vs. Bastion Insurance Co. Ltd"** (1968), Il-Qrati Inglizi kienu irritenew li:-

> *"Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead* ***– it includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."***

Illi gie mbaghad dejjem ritenut li f'sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor sakemm ma jigix pruvat li kien hemm htija unikament ikkagunata mill-persuna l-ohra (App. Kriminali: **"Il-Pulizija vs. Gaetano Schembri"** [16.3.1961] ; **"Il-Pulizija vs. John Polidano "** [3.11.1963] ; **"Il-Pulizija vs. Rev. C. Mifsud"** [Kollez Vol. XXXVII. p.iv. p.1131] u ohrajn. ). Dana ghaliex il-**"contributory negligence"** ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (Vol. XXXVIII, p.IV. p.883)."

Illi għalhekk, kien jinkombi fuq l-imputat li jżomm *"a proper lookout"* kif spjegat fis-sentenzi hawn imsemmija. It-triq fejn seħħ l-incident hija waħda dritta u b'vizwali tajba, t-traffiku ma kienx qawwi u l-ġurnata kienet imdawla u Sajfija u ma kien hemm xejn fit-triq li b'xi mod setgħet telfet il-vizwali jew inkella l-kontroll tal-istess vettura. Għalhekk wieħed seta' b'sens komun isuq b'mod b'aktar kawtela u jimxi mar-regolamenti dwar il-livell ta' sewqan permess f'toroq bħal fejn ġara l-kaz. Illi f'dawn iċ-ċirkostanzi sewwieq għandu juża aktar kawtela mis-soltu meta jkun għaddej minn li b'xi mod jista' jkun hemm vetturi oħrajn ipparkjati jew għaddejin persuni fuq il-ġenb jew vetturi oħrajn. Ma jfissirx li għax sewwieq qiegħed fi triq dritta u d-dritta huwa tiegħu allura jista' ma jagħti kaz xejn ta' x'inhu għaddej madwaru u jiftaħ il-gass tal-vettura u jgħaddi b'kemm għandu mingħajr ħsieb u ħjiel li ħaddieħor ikollu bżonn juża jew jaqsam għal karreġġjata tiegħu, irrispettivament minn persuni jew vetturi oħra. Dan ma jeżonera fl-ebda mument ir-responsabilita' tax-xufier meta suppost għandu joqgħod ferm attent f'ċirkostanzi bħal dawn.

**Ikkunsidrat:**

Illi huwa qiegħed jiġi akkużat f'dak li hemm fl-artikolu 15(1)(a) (2) tal-Kap 65 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi għalhekk wieħed irid jara issa jekk fil-fatt dan is-sewqan kienx wieħed traskurat u/jew inkella perikoluż. Kif qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali preseduta mill-Imħallef V. Degaetano (6 ta' Mejju 1997) għamlet distinzjoni bejn sewqan perikoluż u dak traskurat. Illi din il-Qorti qalet:-

*"**Sewqan traskurat** (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilħaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq raġonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bħala regola l-ksur tarregolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jinċidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll għal sewqan traskurat.*

***Sewqan bla kont** [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bħala 'sewqan bi traskuraġni kbira'. Din it-tieni ipotesi, jiġifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuraġni tkun kbira, u tinkludi l-każijiet 'fejn wieħed deliberatament jieħu riskji fis-sewqan li m'għandhux jieħu minħabba l-probabbilita' ta' ħsara li tista' tirriżulta lil terzi, kif ukoll każijiet fejn wieħed ikun indifferenti għal tali riskji'.*

***Sewqan perikoluż** [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' periklu għal terzi jew għall-proprjeta' tagħhom. Biex wieħed jiddeċiedi jekk kien hemm dana l-periklu, wieħed irid jara ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-ħin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku ieħor jew ta' nies għaddejjin bir-riġel.*

*Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz flistess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Il-Qorti wara li rat l-iskizz ezebit, juri li ma kien hemm xejn li kien qieghed jostakola l-vizwali b'tali mod li Simon Agius ma setghax jara dak li kien 'in plain view'. Simon Agius kellu jimxi b'mod aktar prudenti u josserva dak li kien hemm aktar 'il fuq minnu u jibda jnaqqas il-velocita' tieghu. Dan sabiex jevita kemm habta kif ukoll li jaghmel dik il-manuvra li weggha b'mod gravi lil Francesca Abela. Waqt li dak ta' sewqan traskurat huwa kompriz fis-sewqan perikoluz u dak bla kont. Madanakollu l-Qorti ma hix konvinta sal-grad dettat mil-Ligi li l-agir da parti tal-imputat kien jammonta ghal sewqan perikoluz u ghalhekk izda qeghda ssibu hati ta' sewqan traskurat.

**It-tieni akkuza**

Illi din il-Qorti temmen li din l-akkuza ma tistax tregi u dan ghalkemm ingiebet il-prova ta' xi hsarat sofriet il-vettura IBI 742 liema hsarat kienu pjuttost effettivi, l-akkuza ma tindikax ghal x'hiex qieghed jigi akkuzat l-imputat, l-akkuza tghid hbatt izda ma tindikax li saret xi hsara jew li l-imputat gharraq xi haga, u dan skond kif inhu fformulat l-Artikolu 328 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, allura din l-akkuza ma tistax tregi kif inhi anke in vista tal-fatt li l-prosekuzzjoni ma talbitx korrezzjoni sabiex din it-titranga kif suppost.

**It-tielet akkuza**

Illi ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni mid-difiza dwar il-fatt li n-natura tal-griehi sofferti minn Francesca Abela kellhom il-konsegwenzi msemmija u cioe dawk ta' natura gravi. Illi ghandu jinghad li l-prosekuzzjoni harget akkuzi li fil-fatt Francesaca Abela sofriet griehi ta' natura gravi. Fil-fatt inhatar Mr Alec Sultana mill-Qorti sabiex jezamina lil Francesca Abela u gie muri li hija kienet qieghda ssofri minn griehi gravi b'dizabilita' permanenti ta' ghaxra fil-mija (10%). Illi fil-fatt l-istess Francesca Abela tixhed dwar il-griehi li sofriet u b'liema mod dawn kienu ghadhom qed jaffettwawha sal-gurnata li xehdet, zmien wara l-incident *de quo.* Illi ghalhekk gie pruvat min-naha tal-

prosekuzzjoni li fil-fatt Francesca Abela wara dan l-incident sofriet griehi ta' natura gravi.

Illi mhux l-istess jista' jinghad fuq il-griehi li sofra Gino Ellul u ghalkemm il-prosekuzzjoni ezebiet certifikat mediku tieghu, huwa meta xehed ma xehedx dwar il-griehi li sofra izda xehed biss dwar id-dinamika ta' l-incident ghalhekk il-Qorti ma tistax issib lill-imputat hati li huwa kkawza griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Gino Ellul.

**Decide:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 226(1)(a), tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; l-Artikolu 15(1)(a)(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **Simon Agius** hati tal-ewwel (1) imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda s-sewqan traskurat u mhux ghal sewqan bla kont u perikoluz, u ssibu hati wkoll tat-tielet (3) imputazzjoni ghal dak li jirrigwarda l-griehi ta' natura gravi fil-konfront ta' Francesca Abela izda mhux tal-griehi hfief fil-konfront ta' Gino Elull, kif dedotti kontra tieghu, u ma ssibux hati tat-tieni (2) imputazzjoni, kif dedotta kontra tieghu, tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' elf Ewro (€1000) liema multa f'kaz ta' nuqqas ta' hlas hija konvertibbli fi prigunerija.

Kif ukoll in vista tas-sejbien ta' htija fir-rigward ta' sewqan traskurat u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-iskwalifika ta' kull licenzja tas-sewqan ta' l-imputat ghal tmint ijiem. Is-sospensjoni mis-sewqan tibda ghaddejja min-nofs il-lejl u minuta tal-lum.

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**